MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 159/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Aquilina)**
**(Spettur A. Mallia)**

**Vs**

**Noel Grech**
**u Omissis**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :**
**1) f'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004, ittraffika persuni ta' l-eta' u cioe' lil Natalia Genrihovna u Valentina (Sic!) li waslu Malta fis-7 ta' Mejju 2004, bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi ta jew ircieva hlasijiet jew**

**beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuni ohra;**
**2) f'dawn il-Gzejjer, bejn Jannar 2004 u Gunju 2004, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**
**a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija u cioe' d-delitt ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta' bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni;**
**b) b'xi mod li kien, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti u cioe' lil Eugenio Agius u Sandro Psaila, fl-atti li bihom id-delitt ta' zamm jew ezercizzju jew sehem ma' l-ohra fl-ezercizzju ta' burdell ghal skopijiet ta' prostituzzjoni gew ippreparati jew ikkunsmati;**
**c) xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranin;**
**d) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd;**
**e) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 31, 248B, 248A u l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 8(1) u l-artikolu 7(1) tal-Kap. 63, l-artikoli 115(a), 17, 119 u 141 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospiza ghal erba' snin (4), multa ta' mitejn lira Maltija (LM200) ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 63, kif ukoll ikkundannatu ghall-interdizzjoni generali temporanja ta' hames (5) snin ai termini ta' l-artikolu 119 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma tbiddel u tvarja l-istess sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fuq ammissjoni w tinfliggi l-piena skond il-Ligi billi din tkun wahda karcerarja effettiva.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghetx timponi piena sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap.9 stante li wahda mill-akkuzi u cioe' 2 (a) abbinata mall-akkuza 2 (c) , u cioe' assocjazzjoni fi traffikar ta' persuni minn ufficjal pubbliku , timporta piena minima ta' tlitt snin prigunerija, i.e. sentejn mizjuda bi grad skond l-artikolu 248B u 114 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalhekk kellha tinghata piena karcerarja effettiva , kif , del resto, kien jixraq f' kaz bhal dan ta' traffikar ta' nisa barranin ghall-prostituzzjoni.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 t' Ottubru, 2004 , li bih Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni talab korrezzjoni fir-rikors tal-appell billi r-riferenza ghall-akkuza 2 ( c ) li nkitbet bi zball , tkun 2 (e) ;**

**Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih , nonostante l-oppozizzjoni tal-appellat, laqghet it-talba billi dan kien jidher car li jista' jkun kaz ta' "*lapsus calami*;**

Rat il-verbal ulterjuri tal-istess Dr. Barbara li bih irrinunzja ghall-ewwel aggravju w li bih iddikjara li t-tieni w issa l-uniku aggravju huwa li l-piena li nghatat ma kienetx tixraq f' kaz bhal dan ta' nisa barranin u ghalhekk issottometta li l-piena karcerarja kellha tkun wahda effettiva;

**Rat il-verbal ta' Dr. Angelo Farrugia li bih issottometta li ma hemm ebda aggravju iehor tant li l-istess Avukat Generali ghamilha cara fit-*Text* tar-rikors li kellu**

**aggravju wiehed tant li ddeskriva l-aggravju uniku tieghu billi qal hekk : *"Illi l-aggravju hu car u manifest….114 tal-Kodici Kriminali*" u l-istess rikorrent enfasizza li ghandha tinghata piena karercarja per konsegwenza tal-istess aggravju.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk fil-fatt, wara li l-Prosekuzzjoni rriniunzjat ghal dak li hi iddeskriviet bhala l-ewwel aggravju taghha, hemmx xi aggravju iehor fir-rikors tal-appell.

**Illi fl-ewwel lok irid jigi rilevat li fir-rikors tal-appell l-Avukat Generali qal li "*hassu aggravat u qed jappella ai termini tal-artikolu 413(1) ( c ) u 413 (i)(b) (iii) tal-Kodici Kriminali"* u zied jghid li kien qed jappella *"billi l-ewwel Qorti imponiet piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi meta dan ma setghetx taghmlu f' dan il-kaz".***

**Umbaghad jaghalaq il-paragrafu penultimu tar-rikors billi jghid "*Illi ghalhekk kellha tinghata piena karcerarja effettiva , kif del visto* (recte. del resto) *kien jixraq f' kaz bhal dan ta' traffikar ta'nisa barranin ghan (recte ghal) fini ta' prostituzzjoni"***

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellat li ghax l-appellant, fir-rikors tal-appell, uza l-kliem *"Illi l-aggravju hu car u manifest*" , dan jimplika li hu ghandu aggravju wiehed biss. Di fatti hu risaput li din id-dicitura hija dik li dejjem tintuza mill-appellanti quddiem din il-Qorti kemm meta l-aggravju jkun wiehed kif ukoll meta l-aggravju jkun duplici jew addirittura jikkonsisti f' aktar minn aggravju wiehed . Ghalhekk dan l-argument ma jreggix.

**Issa ghalkemm il-paragrafu tal-aggravji fir-rikors hu wiehed mill-aktar ekononiku fil-kliem u kwazi telegrafiku kif ukoll mimli zbalji tad-dattilografija , apparti dak li dwaru ntalbet u giet moghtija**

**korrezzjoni kif fuq imsemmi , jidher li meta dan jigi moqri flimkien mac-citazzjoni tal-artikoli li tahthom l-Avukat Generali kien qed jappella li saret f' paragrafu precedenti tar-rikors, li fil-fatt l-aggravju kien wiehed duplici w cioe' wiehed akkampat fuq is-subinciz (i) (recte 1) (b) (iii) u l-iehor fuq is-subinciz (1) ( c ) tal-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.**

**L-ewwel subinciz hu dak li jaghti lill-Avukat Generali dritt t' appell f' kazijiet li ghandhom x' jaqsmu ma proceduri sommarji ghar-reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 370 , u dana meta l-piena moghtija mill-Qorti inferjuri tkun , minhabba fix-xorta jew kwantita' taghha , differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat sentenza . Issa hu ovvju li r-reati ammessi mill-appellat u li gie sentenzjat dwarhom mill-Ewwel Qorti ma jaqghux taht il-lista tassattiva ta' reati li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li hemm fis-subinciz (1) tal-artikolu 370 . Konsegwentement l-Avukat Generali ma setax jappella a tenur tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) f' dan il-kaz . Dan jista' jispjega ghaliex l-Avukat Generali rrinunzja ghall-ewwel aggravju fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell.**

**Invece is-subinciz (1) ( c ) tal-artikolu 413, introdott bl-emenda l-aktar recenti tal-Kodici Kriminali, jaghti dritt lill-Avukat Generali li jappella** fil-kazijiet l-ohra kollha **, cioe' dawk li ma jaqghux taht il-limitazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikolu 370 kif fuq intqal. Kjarament jidher li r-reati in kwistjoni huma koperti mis-subinciz (1) ( c ) u ghalhekk l-Avukat Generali setgha jakkampa l-appell tieghu fuqu . Dan is-subinciz jidher li jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali fuq kull aspett tas-sentenza appellata cioe' kemm fuq il-mertu kif ukoll dwar il-piena bla ebda restrizzjoni.**

**Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li il-kliem minnu adoperat fir-rikors tal-appell "*kif del visto (recte "del resto") kien jixraq f'kaz bhal dan ta' traffikar ta' nisa barranin ghan* (recte "ghall*")* *fini ta' prostituzzjoni* " huwa aggravju dwar il-piena b' mod generali, sija pure telegrafiku w ghalhekk ma taqbilx mal-appellat li ma hemmx aggravju iehor oltre dak li gie rinunzjat. Ergo l-appell jibqa' jreggi anki wara r-rinunzja tal-ewwel aggravju da parti tal-Avukat Generali w jiftah berah il-kamp kollu tal-piena ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.**

Illi bhala fatt jirrizulta li l-appellat kien ammetta quddiem l-Ewwel Qorti l-akkuzi kollha li kienu jinkludu *"inter alia"* dik li ttraffika persuni tal-eta' bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi ta jew rceva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra w li bhala ufficjal pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

**Illi l-ewwel reat fuq imsemmi skond l-artikolu 248A u 248B tal-Kodici Kriminali li dahlu in vigore qabel ma gew kommessi r-reati in dizamina , l-piena ghal-min jinstab hati tar-reat ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta' ghal skop ta' prostituzzjoni hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa snin. Stante umbaghad li l-appellat kien ufficjal pubbliku addett fid-Dipartiment tal-Immigrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija u b' hekk sar hati ta' reat li hu kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi , l-piena applikabbli ghar-reat skond l-artikolu 141 ghandha tigi mizjuda bi grad. Hekk skond l-artikolu 31** , ghal dar-reat biss bl-aggravju taht l-artikolu 141**, hu kien passibbli ghalll-piena ta' prigunerija minima ta' tlitt snin u wahda massima ta' tnax il-sena.**

**Peress umbaghad li hu ammetta ukoll l-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu, w cioe' r-reat kontinwat ta' assocjazzjoni ma persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt f' Malta u cioe' d-delitt ta' traffikar ta' persuni tal-**

**eta' bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostitizzjoni, li xjentement ghen jew assista lil haddiehor fl-ezercizzju ta' burdell, li ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranija, kif ukoll li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku , in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu , talab , ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd, skond l-artikolu 17 (b) tal-Kap.9, il-Qorti suppost li wahhlitu l-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda, minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien , b'dana li dan iz-zmien ma jkunx jiskorri hamsa w tletin sena**

**Illi l-argument tad-difensur tal-appellat li fil-kaz tar-reat ta' assocjazzjoni ghandu japplika l-artikolu 48A, anki jekk hu validu , bl-ebda mod ma jimpingi fuq il-minimu tal-piena applikabbli ghall-ewwel reat ammess mill-appellat , li mhux wiehed ta' assocjazzjoni u lanqas ma japplika ghar-reati l-ohra li jaqghu taht l-akkuzi 2(b) , 2 ( c ) u 2 (d).**

**Illi ghalhekk hu ovvju li l-ewwel Qorti fil-kaz odjern qatt ma setghet taghti piena ta' inqas minn tlitt snin prigunerija. Imkien fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ma invokat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jghid li l-Qorti tista'** , ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza **(emfasi tal-Qorti) taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq , ghad li jkun hemm stabilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat .**

**L-Ewwel Qorti semmiet biss l-ammissjoni bikrija, l-kondotta nadifa tal-appellat u l-ghajnuna li huwa ta lill-Prosekuzzjoni fi proceduri ohrajn, liema ghajnuna sahhet id il-Prosekuzzjoni f' tali proceduri , pero' dawn ma gewx invokati mill-Ewwel Qorti bhala ragunijiet specjali u straordinarji , imma biss fatturi attenwanti fl-iffisar tal-piena fid-diskrezzjoni li kellha l-**

**Ewwel Qorti bejn tlitt snin u tnax il-sena (jew addirittura aktar jekk jitqies il-konkors tal-pieni).**

**Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali jidher li hu pjenament gustifikat u li l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti din il-piena fl-ewwel lok . Jekk l-Ewwel Qorti riedet li tkun miti mall-appellat ghar-ragunijiet validi msemmija fis-sentenza appellata w li regghu ssemmew ukoll mill-abbli difensur tal-appellat fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell, dan xorta wahda riedet taghmlu fil-parametri tad-diskrezzjoni wiesgha li kellha fl-ghoti tal-piena kif gja fuq imsemmi w mhux tmur oltre, galadarba ma applikatx l-artikolu 21 fuq imsemmi.**

**Illi l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza hija limitata ghal dawk ir-reati fejn il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija ghal zmien** ta' mhux izjed minn sentejn **(Art. 28A tal-Kap 9). Ghalhekk appena din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara li l-piena minima kellha tkun wahda ta' mhux inqas minn tlitt snin, jigi li l-artikolu 28A ma jibqax izjed applikabbli w l-piena ta' prigunerija tkun trid tigi wahda effettiva w mhux sospiza.**

**Oltre dan l-Avukat Generali jissottometti li trattandosi ta' traffikar ta' nisa barranin ghall-fini ta' prostituzzjoni minn ufficjal tal-Pulizija li suppost impedixxa dar-reat milli jsir jimmerita piena karcerarja effettiva. Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni w tara li dan hu reat serju li ghandu konsegwenzi serji fis-socjeta' kemm fih innifsu, kif ukoll ghax jimmina l-fiducja fl-ufficjali pubblici li suppost qed jithallsu biex iharsu lis-socjeta' minn din il-pjaga w anki ghax dak li jkun , ikun hafna drabi qed jiehu vantagg mill-kundizzjoni mizera tan-nisa koncernati, li jigu sfruttati minn haddiehor ghal skop ta' qliegh.**

**Il-Qorti jkollha umbaghad bil-fors tosserva li jekk il-piena ta' prigunerija tkun izjed minn sentejn , l-interdizzjoni generali applikabbli skond l-artikolu 119**

**tal-Kodici Kriminali ma tistax tkun wahda temporanja izda trid tkun wahda perpetwa.**

**Ghal dawn il-motivi , tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirifforma s-sentenza appellata , billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat u sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w minnu ammessi u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap.63 , tirrevokaha fejn ikkunndannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospiza ghall-erba (4) snin u fejn ikkunndannatu ghall-piena ta' interdizzjoni generali temporanja ta' hames (5) snin ai termini tal-artikolu 119 tal-Kap.9 u , minnflok , tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlitt snin u ghall-interdizzjoni generali perpetwa ai termini tal-artikolu 119 tal-Kap.9.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------